**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Emanuel Abela

*versus*

Perit Arkitett Fred Valentino *et*

**Danni - Kuntrattur - Appaltatur - Bennej - Perit - Responsabbiltà ta' - Digriet - Digriet Interlokutorju -**

**Digriet Kamerali - Kjamata fil-Kawża**

*L-attur agixxa ghal danni kontra l-kuntrattur u l-Arkitett. L-Ewwel Qorti sabet lill-konvenut kuntrattur responsabbli u lliberat lill-Perit minn kull responsabbilità fil-konfront ta' l-attur.*

*Illum hu paċifiku illi d-digrieti jinqasmu fi tnejn. Dawk kamerali, li allura ma jiġux pronunzjati viva voce u dawk interlokutorji li jiġu inizjati fl-udjenza matul l-andament tal-kawża. Id-digrieti kamerali, minhabba l-karatteristika taghhom imsemmija, ma jistghu qatt jiġu kkunsidrati sentenzi (**Lawrence Ellul Sullivan et nomine vs Lawrence Ciantar**, deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 1992, Vol. LXXVI, pt. II, p. 410). Hu ukoll paċifiku illi: "Wiehed mill-fatturi li essenzjalment jiddistingwi digriet interlokutorju minn sentenza huwa l-fatt li waqt li digriet interlokutorju jista' jiġi rrevokat contrario imperio mill-Qorti li tkun ipproferitu dan ma jistax isir fil-każ ta' sentenza" (**Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Soċjali**, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 1992, Vol. LXXVI, pt. II, p. 252).*

*Ġurisprudenza din li tirrifletti l-artikolu 230 tal-Kap. 12 li jiddisponi li d-digrieti nterlokutorji ma jaghmlux ġudikat ghall-Qorti li tkun tathom, meta tingieb raġuni sewwa fil-fehma tal-Qorti biex titbieghed minnhom. Disposizzjoni li tfisser illi l-Qorti ma kinitx marbuta bid-digriet interlokutorju li tkun tat hi u li f'kull zmien allura, sakemm il-kawża tibqa' fil-ġurisdizzjoni taghha, hi kellha l-fakoltà li timmodifika jew tirrevoka tali digriet jekk hekk thoss li jkun ġust u mehtieġ li jsir fil-kors tal-proċeduri. Difatti minn digriet il-Qorti tkun <u>ċahdet</u> is-sejha ta' terza persuna f'kawża skond l-artikolu 961, il-Kap. 12 kif issa emendat wara l-Att XXIV ta' l-1995, l-artikolu 229 (4) jipprovdi illi jista' jkun hemm rikors mill-parti aggravata, lill-istess Qorti li tkun tat id-digriet biex din tikkunsidra mill-ġdid id-deċizjoni taghha. Konsiderazzjoni mill-ġdid li naturalment tista' twassal ghall-modifika jew revoka ta' dak id-digriet li bih tkun ġiet <u>miċhuda</u> l-kjamata fil-kawża. Dan hu konferma, jekk kien hemm bżonn, tan-natura interlokutorja tad-digriet li bih tiġi deċiża talba ghall-kjamata fil-kawża u ghall-*

*applikabilità ta' l-artikolu 230 għal tali digriet.*

*Il-persuna kjamat tkun imsejħa biex tirrispondi għat-talbiet fiċ-ċitazzjoni tal-Qorti, tkun effettivament parti in kawża u bħal kull parti jkollha drittijiet u l-obbligi fil-konfront tal-proċeduri in corso. F'dik l-eventwalità, il-Qorti kellha minn dak il-mument tan-notifika ta' l-atti tqis lill-kjamata fil-kawża bħala parti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u ma setgħetx allura b'deċiżjoni contrario imperio tippreġudika l-interessi tagħha bħala tali.*

*Il-Qorti rriteniet illi ma setax jingħad illi l-perit inkarigat mill-kostruzzjoni naqas mid-dover tiegħu ta' sorveljanza u supervizzjoni ta' l-esekuzzjoni ta' l-appalt u kkonfermat ir-responsabbilità tal-konvenut appaltatur.*

Il-Qorti:-

L-attur aġixxa kontra l-perit u l-kuntrattur minnu nkarigati għall-kostruzzjoni ta' fond b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-attur wara li ppremetta li huwa kien inkariga lill-konvenut Perit Fred Valentino u lill-konvenut l-ieħor Fredu Desira bħala arkitett u appaltatur rispettivament fix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-fond appartenenti lill-istess attur bl-isem "Mon Reve" fi Triq it-Terħa, ġà magħrufa bħala *Exchange Road*, Hal Għaxaq; illi riċentement irriżultaw konsenturi u qsim f'diversi ambjenti tal-fond hawn fuq imsemmi u partikolarment fis-soqfa ta' l-istess fond b'dana ukoll li hemm bċejjeċ mill-bini li ġġarrfu u bċejjeċ oħra li juru li hemm il-perikolu li sejrin jiġġarrfu; illi għar-raġunijiet hawn fuq spjegati l-attur ġie li sofra d-danni bħala riżultat ta' difetti fil-kostruzzjoni li kkaġunaw il-ħsara fuq indikata fil-bini ta' proprjetà ta' l-attur; illi l-konvenuti ġew mitlubin mill-attur biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tal-ħsara hekk ikkaġunata lilu, kif spjegat, però huma baqgħu inadempjenti; talab li din il-Qorti:

Tiddikjara li l-istess konvenuti huma responsabbli għall-ħsara *riżultanti fil-bini hawn fuq imsemmi proprjetà ta' l-attur* u għalhekk responsabbli għad-danni konsegwenzjali kkaġunati lill-attur;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *kif fuq* ingħad, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

Tordna lill-konvenuti jħallsu lill-attur id-danni li jiġu hekk illikwidati";

Il-konvenut Valentino hekk eċċepixxa:

"Illi d-difetti allegati mill-attur huma riżultat ta' taħlita ħażina tal-konkos *fornita mis-soċjetà Saliba Brothers Ltd.* li ġew ikkuntrattati direttament mill-istess attur u għalhekk l-eċċipjent mhux responsabbli għad-danni *rreklamati*;

Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, ix-xogħol tal-kostruzzjoni in kwistjoni ġie kkompletat fis-sena 1981 u għalhekk kull azzjoni ta' l-attur fil-konfront ta' l-eċċipjent hija preskritta għat-tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili";

*Il-konvenut Desira eċċepixxa* illi t-talbiet kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li ma kienx minnu li huwa kien b'xi mod responsabbli għal xi ħsarat li qed jiġi allegati mill-attur u lanqas qatt ma jista' jiġi hekk misjub ħati;

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza tat-23 ta' Mejju,* 1997, iddeċidiet il-kawża billi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Fredu Desira, iddikjarat *l-istess konvenut* responsabbli għall-ħsara fis-saqaf ta' l-attur u llikwidat dawn

id-danni fis-somma komplessiva ta' elfejn u tmien mitt lira Maltija (Lm2,800), oltre kull ammont dovut fuq l-istess somma bhala taxxa fuq il-valur miżjud jew kull taxxa oħra li tkun tista' tkun dovuta in forza ta' xi liġi oħra u konsegwentement ikkundannat lil dan il-konvenut iħallas lill-attur l-ammont fuq hekk likwidat. F'dan is-sens iddikjarat lill-konvenut AIC Fred Valentino mhux responsabbli għad-danni fil-konfront ta' l-attur u konsegwentement illiberatu minn kull responsabbilità. L-ispejjeż kollha kellhom jitħallsu mill-konvenut Fredu Desira;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Illi fl-1981 l-attur kien qabbad lill-konvenut Perit Valentino biex jagħmel pjanti u jeħodlu ħsieb il-bini li ried jibni fuq biċċa art li kien xtara b'garaxx ma ġenbha, fi Triq it-Terħa, ġà magħrufa bħala *Exchange Road*, Ħal Għaxaq;

Illi l-bini kien bdih il-kuntrattur Charles Attard waqt li s-soqfa ta' l-ewwel sular għamilhom il-konvenut Desira. L-attur daħal fil-post fis-sena 1982 u l-kontrabejt għamlu permezz ta' kuntrattur tiegħu. Xi erba' snin wara li nbena l-post, l-attur induna b'konsenturi fih u nforma lill-Perit Valentino li qallu biex "nistennew ħalli naraw ir-raġuni tal-konsenturi, għax seta' kienet ħasda". Fis-sena 1992, waqt li l-attur kien qed idur is-sular ta' fuq ra konsenturi fis-saqaf kif ukoll ċediment tal-konkos f'punti partikolari;

Il-ħsara kif indikati fiċ-ċitazzjoni, u kif ikkonstata l-perit tekniku, hi rappreżentata minn konsenturi u qsim f'diversi ambjenti tal-fond u partikolarment fis-soqfa, b'dan *ukoll illi* hemm bċejjeċ mill-bini li ġġarrfu u oħrajn li juru l-perikolu li sejrin jiġġarrfu. Inoltre, inkixef xi ħadid billi waqa' l-konkos minn xi parti taħtu;

Il-perit tekniku, bl-assistenza ta' l-espert tekniku *Pio Saliba*, wara li għamel eżami ddettaljat tad-diversi lmenti magħmula mill-attur u kif riskontrati waqt l-aċċess u kif dawn jinċidu fuq ir-responsabbilità tad-diversi persuni nvoluti fil-kostruzzjoni, wasal għal konklużjoni illi l-ewwel talba attriċi għandha tiġi milqugħa fil-konfront tal-konvenut Fredu Desira, li għandu jiġi ritenut responsabbli għall-ħsara li hemm fis-soqfa tal-fond ta' l-attur, li rriżultaw minn konkos ta' kwalità inadegwata minnu utilizzata fil-kostruzzjoni tas-soqfa ta' l-attur. Il-perit konsegwentement illikwida d-danni, konsistenti fi spiża sabiex jinqalgħu s-soqfa difettużi, bil-kontrabejt fuqhom u jsiru soqfa ġodda u kontrabejt ġdid, fis-somma komplessiva ta' elfejn u tmien mitt lira Maltija (Lm2,800) li tinkludi ukoll il-kisi tas-saqaf u l-irtukkar taż-żebgħa ta' ħitan u xogħol anċillari ieħor, oltre għal rimpjazzament ta' l-istallazzjoni elettrika fis-saqaf, u drittijiet professjonali għad-direzzjoni tax-xogħol. Ma' dan l-ammont għandu jiżdied kull ammont ieħor dovut jew bħala taxxa fuq l-ammont miżjud jew kull taxxa oħra fuq is-servizzi li tista' tkun imposta mill-awtorità pubblika;

Il-Qorti eżaminat il-provi prodotti u meħuda in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-perit tekniku u tal-perit legali taqbel pjenament ma' dawn il-konklużjonijiet u għalhekk tagħmilhom tagħha;

Illi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut Perit Arkitett Fred Valentino jiġi rrilevat li ma tressqet ebda prova ta' kif dik il-preskrizzjoni hija applikabbli għall-każ u għalhekk qed tiġi respinta";

Appella minn din is-sentenza l-konvenut Fredu Desira. Għandu qabel xejn aggravju proċedurali. Jissottometti illi b'digriet tagħha ta' l-10 ta' Diċembru, 1992, fuq talba tiegħu, l-Ewwel Qorti kienet ordnat il-kjamata fil-kawża tas-soċjetà

Saliba Brothers Limited, fornitriċi tal-konkos, iddikjarat ta' kwalità inadegwata. Jissottometti illi dan kien ifisser illi għall-finijiet kollha s-soċjetà Saliba Brothers Limited kellha titqies bħal kull konvenut ieħor u bħala tali kellha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut u setgħet skond iċ-ċirkostanzi tiġi meħlusa jew ikkundannata daqslikieku mill-ewwel il-kawża kienet ġiet proposta kontra tagħha. Dan kien ifisser illi mal-kjamata in kawża, is-soċjetà Saliba Brothers Limited kienet saret parti mill-kawża. Kienet saret konvenut fil-kawża u bħala tali, fuq il-provi kollha miġbura, setgħet tiġi kkundannata jew illiberata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti ma setgħetx, skond l-appellant, b'digriet ieħor, tħassar dan l-istat ta' fatt billi tneħħi mill-okkju tal-kawża l-isem tas-soċjetà Saliba Brothers Limited. Hu jsostni illi dan ma kienx il-metodu korrett kif kellha taġixxi l-Ewwel Qorti. Setgħet biss tillibera lill-kjamat fil-kawża kemm-il darba jkun deħrilha illi ma kienx hemm provi biżżejjed li jimplikawh;

Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju jirreferi għad-digriet tat-23 ta' April, 1993, li bih l-Ewwel Qorti akkordat talba tal-konvenut Desira għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà Saliba Brothers Limited. Dan id-digriet kien ġie rrevokat b'digriet ieħor ta' l-10 ta' Diċembru, 1993, li fih jingħad hekk:

"Billi l-kawża kienet ġiet imħollija għal-lum għan-notifika tal-kjamat in kawża u billi mill-proċess jirriżulta li ma sar ebda tentattiv ta' notifika, il-Qorti qed tirrevoka d-digriet tagħha tat-23 ta' April, 1993, u tordna li l-isem tal-kjamat fil-kawża jiġi kkanċellat mill-okkju taċ-ċitazzjoni";

Il-Qorti mbagħad iddifferiet il-kawża għar-rapport mill-perit tekniku. Dan l-aggravju proċedurali ta' l-appellant hu allura fis-sens illi l-Ewwel Qorti ma kien messha qatt neħħiet il-

kjamat fil-kawża meta l-kontestazzjoni *u l-fatti* tagħha kienu jindikaw biċ-ċar l-interess tiegħu;

L-appellant għandu ukoll aggravju sostantiv dwar ir-responsabbilità lilu akkollata mill-Ewwel Qorti. Hu jaċċetta li ġie ppruvat b'mod *inkonfutabbli u inekwivoku illi l-materjal*, konsistenti f'konkos likwidu, kien ġie supplit mis-soċjetà Saliba Brothers *Limited* u li kull *ma* kien għamel hu kien li ferra' dan il-konkos sabiex ġie kostruwit is-saqaf. Allura jekk il-konkos kien inadegwat fil-kwalità tiegħu, ċertament ma kienx il-konvenut appellant *il-persuna biex jistabbilixxi dan.* L-appaltatur hu responsabbli, fil-konfront ta' l-appaltant, għal dak *li jkun* għamel *hu u* mhux għal dak fornit minn ħaddieħor anke jekk il-fornitur ġie mqabbad u ntrodott fix-xogħol mill-istess appaltatur. Dan jissottometti l-appellant, huwa l-prinċipju legali korrett u applikat mill-Qrati f'tema ta' responsabbilità. *Ma setax* allura l-kuntrattur, fil-persuna tal-konvenut appellant, jinstab responsabbli *ta'* għemil mhux kommess minnu. F'dan il-każ, għall-fornitura ta' konkos inadegwat jew ta' nuqqas ta' kontroll tal-kwalità tal-materjal fornut, ir-responsabbilità ma kinitx tiegħu. Jekk il-vizzju jkun fil-lavorazzjoni, *allura l-appaltatur* ikun responsabbli iżda jekk il-vizzju jkun fil-materjal jew fis-superviżjoni *allura* r-responsabbilità ma tistax tiġi vestita fl-appaltatur;

Għandu jiġi rrilevat li mill-atti jirriżulta ampjament ippruvat illi l-appellant wera nuqqas komplet ta' nteress li *jassigura l-presenza fil-proċeduri tas-soċjetà Saliba Brothers* Limited, kjamata fil-kawża fuq talba espressa tiegħu. Infatti, jirriżulta kif ingħad illi l-kjamata fil-kawża ġiet iddegretata fit-23 ta' April, 1993. Għaddew ix-xhur u l-istess appellant ma kien għamel xejn biex jinnotifika lis-soċjetà hekk kjamata - lanqas biss ittanta *jħallas tali notifika* - u *għalhekk fl-10 ta' Diċembru*, 1993, kważi disa' xhur wara, l-Ewwel Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet preċedenti tagħha. Mid-data tar-revoka ta' dak

id-digriet sad-data meta nghatat is-sentenza appellata reġgħu għaddew kważi erba' snin u f'dan iż-żmien kollu, fl-ebda ħin l-appellant ma kien ħa xi inizzjattiva biex jirriattiva t-talba tiegħu għall-kjamat fil-kawża u biex jassigura illi l-persuna li hu kien isostni li kienet responsabbli għad-danni lamentati mill-attur tkun parteċipi fil-proċeduri;

Ċertament allura l-Ewwel Qorti kienet pjenament ġustifikata illi tqis dan in-nuqqas ta' interess mhux biss bħala aġir li kien qiegħed jintralċja bla bżonn *il-prosegwiment tal-kawża* u allura jippreġudika d-drittijiet ta' l-attur imma ukoll illi l-istess appellant kien qiegħed jirrinunzja taċitament għat-talba tiegħu *illi s-soċjetà fornitriċi tkun kjamata fil-kawża.* Għandu jkun ovvju illi l-kjamata fil-kawża fil-każ in eżami ġiet mitluba mill-konvenut appellant u kienet manifestament fl-interess *tiegħu. L-Ewwel Qorti laqgħet din it-talba allavolja kien ċar* mill-premessi u mit-talbiet taċ-ċitazzjoni illi ma setax jingħad li kien hemm xi relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-kjamat fil-kawża. Jekk il-konvenut appellant kellu kull intress li jiddefendi l-jeddijiet tiegħu kontra terzi naqas *li,* b'*soferzja doveruża, hekk* jagħmel, ma jistax jippretendi illi tkun il-Qorti li thares u tittutela l-interessi tiegħu. Hu minnu li l-Qorti tista' ukoll *sua sponte* tordna l-kjamata fil-kawża fil-proċeduri quddiemha jekk jidhrilha li dan hu meħtieġ għall-integrità tal-ġudizzju jew biex *il-meritu jiġi epurat fil-konfront tal-partijiet kollha nteressati.* Tali dritt tal-Qorti però bl-ebda mod ma għandu jiġi kkunsidrat bħala xi obbligu fuqha illi tħares hi l-interessi tal-kontendenti. Dan għandhom jagħmluh il-partijiet infushom u fin-nuqqas, min jonqos, jista' biss jinkolpa lilu nnifsu u jbati l-konsegwenzi *inevitabbli. Id-dover tal-Qorti hu biss li tassigura l-korrettezza* fil-kondotta tal-proċedura quddiemha u li tagħti l-kontendenti l-opportunità ta' smigħ ġust u xieraq biex jiddefendu ruħhom bil-mezzi li ttihom il-liġi *fosthom dik* ukoll li jitolbu, meta ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jiġġustifikaw, il-kjamata fil-kawża ta' terzi persuni nteressati. Id-domanda hi biss jekk il-Qorti

setgħetx jew le tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha;

Dan iwassal għall-konsiderazzjoni tan-natura ta' dak id-digriet li ċertament ma jistax ma jitqiesx li hu digriet interlokutorju. Infatti, hu llum paċifiku illi d-digrieti jinqasmu fi tnejn. Dawk kamerali, li allura ma jiġux ppronunzjati *viva voce* u dawk interlokutorji, li jiġu inizjati fl-udjenza matul l-andament tal-kawża. Id-digrieti kamerali minħabba l-karatteristika tagħhom imsemmija ma jistgħu qatt jiġu kkunsidrati sentenzi (**Lawrence Ellul Sullivan *et nomine vs* Lawrence Ciantar**, deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 1992, Vol. LXXVI, pt. II, p. 410). Hu ukoll paċifiku illi:

"Wieħed *mill-fatturi li essenzjalment* jiddistingwi digriet interlokutorju minn sentenza huwa l-fatt li waqt li digriet interlokutorju jista' jiġi rrevokat *contrario imperio* mill-Qorti li tkun ipproferitu, dan ma jistax isir fil-każ ta' sentenza" (**Alfred Piscopo *vs* Direttur tas-Servizzi Soċjali**, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 1992, Vol. LXXVI, pt. II, p. 252);

Ġurisprudenza din li tirrifletti l-artikolu 230 tal-Kap. 12 li *jiddisponi li d-digrieti nterlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-*Qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa fil-fehma tal-Qorti biex titbiegħed minnhom. Disposizzjoni li tfisser illi l-Qorti ma kinitx marbuta bid-digriet interlokutorju li tkun tat hi u *li f'kull żmien allura, sakemm il-kawża tibqa' fil-ġurisdizzjoni* tagħha, hi kellha l-fakoltà li timmodifika jew tirrevoka tali digriet jekk hekk tħoss li jkun ġust u meħtieġ li jsir fil-kors tal-proċeduri. Difatti minn digriet li l-Qorti tkun ċaħdet is-sejħa ta' terza persuna f'kawża skond l-artikolu 961, il-Kap. 12 kif issa emendat wara l-Att XXIV ta' l-1995, l-artikolu 229 (4) jipprovdi illi jista' jkun hemm rikors mill-parti aggravata, lill-istess Qorti li tkun tat id-digriet, biex din tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Konsiderazzjoni mill-ġdid li naturalment

tista' twassal għall-modifika jew revoka ta' dak id-digriet li bih tkun ġiet miċħuda l-kjamata fil-kawża. Dan hu konferma, jekk kien hemm bżonn, tan-natura interlokutorja tad-digriet li bih tiġi deċiża talba għall-kjamata fil-kawża u għall-applikabilità ta' l-artikolu 230 għal tali digriet. Ma hemmx allura dubbju illi fil-prinċipju, il-Qorti kellha kull dritt illi tirrevoka, jekk hekk jidhrilha li kien sewwa, digriet tagħha li bih tkun ordnata l-kjamata fil-kawża ta' terza persuna. *Infatti*, sewwa *jingħad illi* sakemm tali kjamata fil-kawża ma tiġix segwita bin-notifika ta' l-atti lill-persuna kjamata, l-ebda *preġudizzju ma jista' jiġi* kkawżat lil dik il-persuna hekk imsejħa li ma tkunx għadha effettivament parti fil-kawża. Il-każ ikun naturalment għal kollox differenti jekk il-kjamat fil-kawża, notifikat bl-atti, ikun ippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu jew baqa kontumaċi. F'dan il-każ il-persuna kjamata tkun imsejħa biex tirrispondi għat-talbiet fiċ-ċitazzjoni tal-Qorti, tkun effettivament parti in kawża u bħal kull parti jkollha *drittijiet* u l-*obbligi fil-konfront* tal-proċeduri *in corso*. F'dik l-eventwalità, il-Qorti kellha minn dak il-mument tan-notifika ta' l-atti tqis *lill-kjamata fil-kawża bħala* parti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u ma setgħetx allura b'deċiżjoni *contrario imperio* tippreġudika l-interessi tagħha bħala tali. Il-kjamata fil-kawża fil-proċeduri taħt eżami ntalbet u ġiet akkordata fi proċeduri simili għal dawk tal-kawża **Aġent** ***Accountant General et vs*** **George Xuereb** *et*, deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Marzu, 1991, (Vol. LXXV, pt. II, p. 160). F'din is-sentenza hekk ingħad:

"Il-kjamata in kawża għandha fost oħrajn il-funzjoni li tkun preżenti t-terza persuna nteressata fil-vertenza mhux direttament ma' l-atturi *iżda mal-konvenut in kwantu dan ta' l-*aħħar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur għal kull dannu li jista' jsofri għaliex ikun dan li fil-konfront tiegħu *jrid jirrispondi*. Il-presenza tas-sub-appaltatur hija utili kemm għaliex il-provi jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li esegwixxa x-xogħol u kemm għaliex dan ta' l-aħħar ma jkunx il-quddiem jista'

jillamenta mal-konvenut li dan ma avanzax difiża valida u effiċjenti fil-konfront ta' l-atturi u b'hekk ġie li bata' huwa. Però, *il-talba għall-kjamata fil-kawża bl-ebda mod ma setgħet* tfisser illi b'daqshekk is-soċjetà konvenuta kienet qed teħles mir-responsabbilità kontrattwali tagħha kif din hija stabbilita fil-kuntratt ta' l-appalt";

F'kawżi ta' din ix-xorta *allura, il-kjamata fil-kawża* hi ovvjament akkordata fl-interess tal-konvenut, l-appaltatur, u mhux ta' l-attur, l-appaltant. Hu veru li kien indikat illi l-kjamata in kawża mitluba tiġi konċessa għaliex *kienet utili* u effiċjenti għal proċediment tal-kawża u għall-ekonomija tal-ġudizzju (ara konsiderazzjonijiet fil-kawża **Joseph Riolo** ***pro et nomine vs*** **Carmel Muscat**, deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Marzu, 1991). Però, una volta tali kjamata fil-kawża tkun ġiet akkordata, unikament *fl-interess tal-parti* konvenuti, ma kienx il-każ li l-Qorti tippermetti l-intralċ ta' dawk il-proċeduri bi preġudizzju għall-attur, jekk ikun jidher ovvju, mill-atti, illi l-*istess konvenut ma kellu l-ebda nteress li jassigura l-presenza* tal-kjamata fil-kawża fil-proċeduri jew, agħar u agħar, jekk ikun jidher illi l-inattività ntenzjonata tal-konvenut tkun maħsuba biex tintralċja jew ittawwal proċeduri bi preġudizzju ta' l-attur. L-aggravju proċedurali hu għalhekk insostenibbli u qed jiġi miċħud;

L-appellant qiegħed jaċċetta bħala fatt u dan jirriżulta ampjament mill-atti, *illi* l-konkos *supplit* mis-soċjetà *Saliba* Brothers Limited li hu utilizza fil-kostruzzjoni tas-saqaf kien difettuż u għal kollox inadegwat għall-iskop li għalih użah. L-opinjoni tal-perit tekniku mqabbad mill-Qorti illi l-kostruzzjoni tas-saqaf ta' żewġt ikmamar, li hemm fronteġġjanti t-triq u tal-kamra tat-taraġ *ma sarx skond* is-sengħa u l-arti billi l-konkos utilizzat mill-konvenut ma kienx tal-konsistenza rikjesta iżda kien defiċjenti fil-*compressive strength* tiegħu, ma ġiet bl-ebda mod *ikkontestata la mill-konvenut* appellant *u lanqas mill-*

konvenut l-iehor Perit Valentino. Opinjoni din li ġiet ukoll suffragata b'eżami xjentifiku magħmul mil-laboratorji ta' *Malta University Services Limited* mill-espert tekniku Pio Saliba nnominat mill-Ewwel Qorti. Hi allura ġġustifikata l-premessa ta' l-attur illi bħala konsegwenza ta' l-użu ta' dan il-konkos difettuż fil-kostruzzjoni huwa sofra d-danni li qiegħed jirreklama b'din l-azzjoni. Irid jiġi ddeterminat min miż-żewġ konvenuti kien responsabbli għal dawn id-danni;

Il-konvenut Valentino diffiċilment jinstab b'xi mod responsabbli għal dawn id-danni. Infatti, fiċ-ċertifikat irrilaxxjat mill-istess perit fis-17 ta' Ottubru, 1991, u allura qabel il-preżentata tal-preżenti azzjoni, fuq inkarigu ta' l-istess attur, il-konvenut Valentino ddikjara illi d-danni rreklamati mill-attur kienu dovuti primarjament għal konsistenza fqira tal-konkos mgħobbija bir-ramel u defiċjenti ferm mis-siment li fil-fehma teknika tiegħu tapprossima taħlita ta' l-art u mhux ta' tisqifa tal-konkos. Hu ċċertifika li dan is-saqaf kien difettuż u kellu jinħidel fl-intier tiegħu peress illi mis-sintomi li kienu dehru sa dakinhar kien jidher ċar li l-konkos ma kienx ġie magħmul skond il-parametri aċċettabbli ta' taħlita li kellha tiġi użata għal saqaf tal-konkos. Kienet teknikament inferjuri u dgħajfa u l-proċess ta' deterjorazzjoni ta' l-istess saqaf kien wieħed irriversibbli. F'dawn iċ-ċirkostanzi allura, kkunsidrat illi hu ukoll stabbilit illi l-perit Valentino kien ta struzzjonijiet u ndikazzjonijiet preċiżi ta' kif kellu jiġi kostruwit is-saqaf, kien iddisinja u kkontrolla l-istruttura tal-ħadid li kellha tkun fih inkorporata kif ukoll l-armar li fih kellu jinxteħet il-konkos, ma jistax jingħad illi l-perit inkarigat mill-kostruzzjoni naqas mid-dover tiegħu ta' sorveljanza u superviżjoni ta' l-esekuzzjoni ta' l-appalt da parti tal-konvenut Desira. Hu ppruvat u mhux ikkontestat li kien il-bennej li ordna l-konkos mingħand terzi. L-attur appaltant allura ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' min effettivament issupplixxa l-konkos. Kif ġà fuq indikat is-soċjetà konvenuta ma tistax teħles mir-responsabbilità

kontrattwali taghha fil-konfront ta' min inkarigaha bl-appalt li tipprovdi kostruzzjoni skond il-ftehim esegwit skond l-arti u s-sengha;

Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant, fir-rigward tar-responsabbilità tieghu ghal kwalità tal-konkos użat minnu fil-kostruzzjoni tas-soqfa u li ġie supplit mill-kjamat fil-kawża, ġie minn din il-Qorti ritenut f'kawża fejn l-appaltatur kien qed ifittex kemm lill-perit kif ukoll lill-kuntrattur ghal xoghol ta' kostruzzjoni ta' bini:

"Li d-difett fil-kostruzzjoni jew fl-art jikkomprendi anke d-difetti fil-materjali użati fil-kostruzzjoni ghax il-bonta tal-materjali tidhol fl-ambitu ta' responsabbilità tant fuq l-appaltatur kemm ukoll fejn dan jirrikorri fuq l-arkitett li jkun inkarigat mid-direzzjoni tal-kostruzzjoni. Dan billi l-esekuzzjoni tax-xoghol tinvolvi anke l-ghażla tal-materjali u l-appaltatur u l-arkitett ma ghandhomx jadoperaw materjali mhux tajba, anke jekk is-sid ikun irid li jiġu użati dawk il-materjali mhux tajba, imma ghandhom jirrifjutawhom" (*Vol. XXIX.I.442*);

"Din ir-responsabbilità (li tohroġ mid-disposizzjoni tal-liġi li fuqha l-preżenti istanza hi mpernjata) hi ghal difetti ta' kostruzzjoni minbarra difett ta' l-art, u difett ta' kostruzzjoni jista' jkun mhux biss xoghol hażin imma anke xoghol esegwit bil-materjal hażin" (Vol. XLI.I.667);

Responsabbilità kienet testendi anke fil-każ li l-perit ikun eżamina l-materjal u dehrlu li kien tajjeb. *Multo magis* tali responsabbilità tibqa' taggrava f'dawk il-każijiet fejn, bhal dak taht eżami, il-perit inkarigat mix-xoghol ma jkunx iċċertifika l-kwalità tal-materjal. Dawn il-prinċipji japplikaw ukoll fil-każ fejn l-appaltatur ikun issubappalta x-xoghol kollu jew parti

minnu kif jista' jippretendi li jagħmel l-appellant f'dan il-każ fir-rigward tax-xogħol tal-konkos. Ġie nfatti ritenut illi:

"Jekk l-opra li kienet l-oġġett ta' l-appalt ġiet esegwita minn persuna oħra bħala subappaltatur, l-appaltatur jibqa' responsabbli lejn l-appaltant għall-esekuzzjoni ta' l-appalt anke apparti mill-fatt li l-materjal ħażin ikun fornih hu. L-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa u meta hu jissomministra anke materjal dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skond il-liġi. Fil-konfront ta' l-attur appaltant, il-konvenut l-appaltatur jibqa' dejjem responsabbli lejh hu għax miegħu teżisti r-relazzjoni ġuridika ta' l-appalt. Huwa elementari li l-appaltatur obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa u meta hu ssomministra anke l-materjal fl-esekuzzjoni ta' l-opra, dan għandu jkun ta' kwalità *tajba salv id-dritt tiegħu li jekk dan jirriżulta difettuż kien ikollu* rivalsa kontra l-fornitur li miegħu, kuntrarjament għall-attur, kellu relazzjoni ġuridika. Una volta l-konvenut naqas mill-obbligi tiegħu li sewwa jesegwixxi l-appalt, hu kellu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha, skond il-liġi, di fronte għall-appaltatur" (Vol. XLI.II.892);

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant Fredu Desira.